MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 790/2007/1

**Jonathan Compagno**

**vs**

**Thomas Zahra**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' April, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu l-ammont ta' Lm380 rapprezentanti valur ta' xoghol li thallas ghalih sabiex jaghmel, u li naqas milli jaghmel, u dan skond kif certifikat mill-Perit Sammut Tagliaferro. Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi 1) ix-xoghol kollu espletat mill-konvenut fuq l-inkarigu ta’ l-attur sar skond is-sengha w l-arti, u skond il-ftehim pattwit bejn il-partijiet; 2) illi ghandu jigi rilevat, kemm mid-dokumenti ezebiti mill-attur kontestwalment mat-talba, kif ukoll waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, li x-xoghol in kwistjoni kien jikkonsisti f’diversi bicciet, liema bicciet gew kollha verifikati u kollawdati mill-attur ai termini ta’ l-Artikolu 1637 tal-Kodici Civili; 3) illi mhux minnu li l-konvenut ma temmx l-inkarigu lilu moghti fl-intier tieghu, u dan il-fatt ghandu jigi facilment konstatat anke occorrendo periti nominandi; 4) salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda ta’ l-attur Jonathan Compagno.

Sema x-xhieda ta’ Angelo Vella prodott mill-attur.

Sema x-xhieda tal-konvenut Thomas Zahra.

Sema x-xhieda ta’ Antoine Camilleri prodott mill-konvenut.

Sema x-xhieda ta’ Charlo Ellul prodott mill-konvenut.

Ra l-verbal tas-16 ta’ Mejju 2008, fejn il-partijiet qablu li ma hemmx lok li jitharrek il-Perit Nicholas Sammut Tagliaferro sabiex jikkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-kwistjoni odjerna tikkoncerna xoghol ta' kontrabejt li allegatament ma sarx mill-konvenut meta dan kien imqabbad u anki mhallas mill-attur sabiex jezegwixxi dan ix-xoghol partikolari fost xogholijiet ohra.

Minn-naha tieghu tal-attur qed jallega li l-kontrabejt ma kienx sar mill-konvenut fuq il-kamra tal-bejt u minnflok tqieghed biss il-konkos fuq il-'*bricks*' minghajr ma tqieghed it-torba kif suppost. Skond l-attur, il-konvenut kien talab u thallas minghandu l-ammont ta' Lm380 proprju ghax-xoghol ta' kontrabejt u meta ra li dan ma sarx kien kellem lill-konvenut li kien accetta li fil-fatt il-kontrabejt ma kienx sar. Din il-versjoni tal-fatti giet ukoll korroborata mix-xhud Angelo Vella li gie prodott mill-attur.

Fir-rigward tal-konvenut, it-Tribunal ma jhossx li l-versjoni tieghu hija daqshekk cara. Filwaqt li ghall-ewwel il-konvenut isostni li x'hin mar jaghmel il-kontrabejt induna li kien hemm problema u ghalhekk ma setghax jitfa t-torba u mbaghad il-konkos, sussegwentement donnu jsostni li l-kontrabejt fil-fatt sar izda permezz ta' metodu iehor. Mbaghad jerga jaqleb ghal versjoni ohra fis-sens li huwa m'ghamilx il-kontrabejt izda m'ghandu jrodd lura l-ebda flus peress li bil-kunsens tal-attur ghamel saqaf tal-*bricks* u dan jigi jiswa izjed flus. Il-konvenut sahansitra xehed li huwa ammetta mal-attur u Angelo Vella li ma kienx ghamel il-kontrabejt, izda mbaghad x'hin ghadda ftit hin huwa rega lura fuq dan ghaliex ftakar li hu u l-attur kienu ftehmu mod iehor.

It-Trubunal josserva pero, li l-izjed punt krucjali f'dan il-kaz, tenut kont tal-versjonijiet konfliggenti tal-partijiet, huwa l-fatt li l-konvenut deherlu li m'ghandux iharrek il-perit Nicholas Sammut Tagliaferro sabiex jixhed dwar ir-rapport tieghu, u fil-fatt dan sar bi qbil bejn il-partijiet kif jinghad izjed 'l fuq. Dan bilfors iwassal lit-Tribunal sabiex

jikkonkludi li r-rapport tal-perit bl-ebda mod mhu qed jigi kontestat u qed jigi sahansitra accettat mill-konvenut.

F’dan ir-rigward it-Tribunal jidhirlu li ghandu jistrieh interament fuq l-izjed prova konkreta f’din il-kawza u cioe r-rapport tal-perit Sammut Tagliaferro, specjalment peress li hawn si tratta ta’ materja teknika li fiha l-perit huwa l-izjed persuna esperta.

Ghalhekk in vista tal-fatt li l-konvenut ma kien xejn car u konvincenti fix-xhieda tieghu kif ukoll il-fatt li r-rapport tal-perit *ex parte* huwa oltre milli car u mhuwiex kontestat, it-talba tal-attur ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-kovenut, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tmien mija, u hamsa u tmenin ewro u sittax-il centezmu (€885.16), ekwivalenti ghal Lm380, bl-imghax kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.”

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza l-konvenut iqanqal zewg obbjezzjonijiet u cjoe li:-

1. It-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi akkwiziti u illedilu l-principju tad-dritt ekwitattiv skond l-ipotesi prevvista fl-Artikolu 8 (2) (d) tal-Kapitolu 380, kif ukoll ksur tal-principju ta’ gustizzja naturali;

2. It-Tribunal naqas ghal kollox milli jikkonsidra t-tieni eccezzjoni tieghu, bi hsara ghall-jeddijiet tieghu. B’hekk ukoll gie lez lilu l-principju tas-smiegh xieraq;

Fuq l-ewwel motiv ta’ aggravju din il-Qorti tibda biex tirregistra illi gja f’bosta sentenzi taghha kkumentat *ex abundantia cautelae* fuq il-kuncett tad-dritt ekwitattiv u

mhux il-kaz li toqghod terga’ hawn taddentra ruhha fid-dettal fuq din it-tematika. Tirreferi biss b’ezemplari ghad-decizjoni taghha fl-ismijiet “**Rita Bihiga -vs- Adrian Busuttil**”, 1 ta’ Novembru, 2006 fejn fiha illustrat sew dan il-kuncett. Fiz-zgur din il-Qorti hija prekluza milli tissindika l-apprezzament fattwali li jkun sar mit-Tribunal. Maggorment, imbaghad, fejn fil-gudizzju impunjat it-Tribunal ma jkun esprima ruhu minn ebda vizjoni tad-dritt ekwitattiv imma jkun semplicement ezercita l-evalwazzjoni diskrezzjonali tieghu tal-fatti;

Premess dan, f’kull kaz din il-Qorti lanqas ma ssib illi t-Tribunal b’xi mod ippekka mill-perspettiva tad-dritt ekwitattiv, ankorke huwa bbaza r-*ratio decidendi* tieghu fuq il-prova li kienet tinzel mir-rapport tal-Perit Nicholas Tagliaferro (fol. 2) u mhux ukoll fuq dik tax-xhieda l-ohra in atti, kif hekk jippretendi li kellu jkun il-kaz skond l-appellanti;

Certament l-appellanti jmissu jifhem illi l-proposizzjoni tieghu dwar kif hu ghogbu jaghmel il-kontrabejt mhix necessarjament tekwivali ghas-sengha teknika tajba ta’ kif dan kellu jsir. Imissu wkoll japprezza illi jekk l-attur-kommittent qaghad fuq is-soluzzjoni proposta minnu in vista ta’ l-iskontru waqt il-kors tax-xoghol li, jekk jaghti l-konkos u t-torba, il-kontrabejt jigi jaqbez ‘il fuq mit-toqba tat-turretta, dan ma jfisserx illi b’daqshekk is-soluzzjoni adoperata minnu kienet dik konsentita. Il-gurisprudenza prevalenti ma tiggjovahx fuq daqshekk, ghaliex, kif deciz, hu kien fl-obbligu “*di eseguire bene l’opera commessagli secondo i dettami dell’arte sua*” (“**Carmelo Scicluna -vs- Giuseppe Mallia *et***”, Appell Civili, 31 ta’ Mejju, 1929). Din l-obbligazzjoni hi rikavabbli mill-principju generali tad-dritt rigwardanti l-adempiment. Dan fis-sens illi hu “ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li ‘l quddiem juri difetti” (“**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia *et nomine***”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu, 1972). Hu, anzi, ammonit b’ripetizzjoni illi “f’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru

‘il quddiem”. Ara “**John Borg *et* -vs- Emmanuel Galea**”, Appell Superjuri, 19 ta’ Mejju, 2009;

Terga’ fil-kaz partikolari jirrizulta illi l-appellanti thallas ta’ xoghol in referenza ghall-kontrabejt li hu lanqas biss ghamel jew, jekk ghamlu, skond kif hekk jinsisti l-appellanti, l-istess ma sarx skond dik id-diligenza u l-perizja ordinarja in kwantu rrizulta “*contrario alle buone regole dell’arte*” (“**Nicola Vella -vs- Luigi Agius**”, Appell Inferjuri, 7 ta’ April, 1923). F’din l-ottika ma jistax jinghad illi l-gudizzju tat-Tribunal hu vizzjat fil-motivazzjoni tieghu u ta’ dak il-procediment logiku u intwittiv normalment segwit bir-regola ekwitattiva. L-ewwel aggravju qieghed ghaldaqstant jigi respint;

Il-kwestjoni sollevata bit-tieni motiv ta’ aggravju hi fis-sustanza fis-sens illi gjaladarba l-appalt ezegwit gie verifikat u kollawdat mill-attur, allura ma hemmx lok ghall-proponiment ta’ l-ilment mertu tal-vertenza. L-appellanti jkompli jissottometti illi una volta l-provi juru li kien hemm devjazzjoni minn dak inizzjalment miftiehem u gjaladarba wkoll l-opra in kwestjoni giet accettata u mhallsa bla rizervi, l-ilment ta’ l-attur ma jistax jissussisti. Fil-kuntest l-appellant jirreferi ghad-dottrina kontinentali u ghall-kazistika tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana;

Bl-ewwel osservazzjoni huwa opportun li jigi rimarkat illi fuq il-punt sottomess b’dan l-aggravju d-dottrina u l-gurisprudenza Taljana mhux bilfors tista’ tkun ta’ assistenza ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Dan ghaliex taht il-Kodici Civili Taljan jezistu disposizzjonijiet espressi (ara Artikoli 1665 u 1667 tieghu) dwar il-verifika u l-accettazzjoni ta’ l-opra minghajr rizervi li kapaci jilliberaw lill-appaltatur mir-responsabilita` ghall-vizzji palesi jew mill-garanzija ghad-difformitajiet u vizzji fl-istess opera. Il-Kodici Civili taghna ma jannoverax taht l-istitut ta’ l-Appalt disposizzjonijiet konsimili, u l-materja hi regolata skond il-principji generali tad-dritt;

Hu, difatti, konfermat mill-kazistika lokali illi l-verifika u l-eventwali approvazzjoni tax-xoghol issir ghall-finijiet tal-hlas lill-appaltatur. Ara “**Attard Montalto -vs- Schembri *et***”, Appell Kummercjali, 28 ta’ Gunju, 1957. Ghall-precizazzjoni jinsab ritenut illi gjaladarba l-appaltatur hu obbligat jezegwixxi l-opra skond is-sengha, “il-hlas tal-prezz ta’ l-appalt li l-appaltant jaghmel lill-appaltatur ma jfisserx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol. Jekk dak il-hlas ikun sar taht cirkostanzi li fihom l-appaltant ma setax jinduna bid-diffett fix-xoghol, ma jistax jinghad li dak il-hlas jekwivali ghall-approvazzjoni tax-xoghol. U jekk stess kien hemm dik l-approvazzjoni, l-appaltant jista’ dejjem jesperixxi d-drittijiet tieghu kontra l-appaltatur jekk kien hemm frode da parti ta’ dan meta saret dik l-approvazzjoni” (“**Joseph Zarb -vs- Carmelo Agius**”, Prima Awla, Qorti Civili, 8 ta’ Frar, 1957);

Fil-fattispeci, kif jirrizulta mill-provi, fil-waqt tal-hlas lill-konvenut l-attur ma kienx xjenti ta’ ebda difett tant li dan gie riskontrat fiz-zmien posterjuri ghall-approvazzjoni u hlas tax-xoghlijiet meta dahallu ilma fil-fond minn bejn il-kamra li kienet inbniet u l-kamra ta’ magenba. Terga’ ma kienx l-attur li ntebah li ma sarx kif suppost il-kontra-bejt izda hatnu Angelo Vella (ara xhieda ta’ dan a fol. 20);

Fic-cirkostanzi, jekk hemm bzonn jigi ripetut, dejjem skond il-principji generali ta’ dritt in materja ta’ adempjenza kontrattwali xierqa, u wkoll ghall-ahjar tutela tal-kommittent lilu akkordata minn dawn l-istess principji, hu l-appaltatur li ghandu jassikura illi x-xoghol lilu kommess u ghal liema thallas ikun ser isir utilment. Tghodd b’ripetizzjoni dak drabi ohra sottolinejat u cjoe “ladarba hu ntriga ghax-xoghol, allura hu responsabbli tal-konsegwenzi; ghaliex il-lokatur d’opera *spondit peritiam artis* u *imperitae culpae adnumeratur.* Ara “**Luqa Ellul -vs- Giuseppe Polidano**”, Appell Civili, 20 ta’ Gunju, 1955. Ukoll, allura, dan it-tieni aggravju qed jigi skartat.

Ghal motivi hawn fuq senjalati din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------